

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-15 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad – Varna – il-Bulgarija) – “Itales” OOD vs Direktor na Direktsia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite**

(Kawża C-123/14) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Prinċipju ta' newtralitā fiskali — Tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa — Il-kunċett ta’ “provvista ta’ merkanzija” — Kundizzjonijiet għall-eżistenza ta’ provvista ta’ merkanzija — Assenza ta’ prova ta’ pussess effettiv tal-merkanzija mill-fornitur dirett)**

(2015/C 320/07)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### **Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad – Varna

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: “Itales” OOD

Konvenut: Direktor na Direktsia, Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika“ Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

### **Dispożittiv**

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, dwar id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu lill-awtorità fiskali ta’ Stat Membru li tikkunsidra li provvista ta’ merkanzija ma twettqitx, li jostakola li t-taxxa fuq il-valur miżjud mħallsa matul dan l-akkwist tista’ titnaqqas mix-xerrej, peress li dan tal-aħħar la wera l-oriġini tal-merkanzija kkonċernata u lanqas li kienet fil-pussess tal-fornitur tiegħi, filwaqt li din l-awtorità ma stabbilixxiet li dan ix-xerrej ipparteċipa fi frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud u kien jaf jew kellu jkun jaf li t-tranżazzjoni inkwistjoni kienet implikata ftali frodi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 151, 19.5.2014.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tat-3 ta’ Ġunju 2015 – The Sunrider Corporation vs L-Uffiċċċi għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Nannerl GmbH & Co. KG**

(Kawża C-142/14 P) <sup>(1)</sup>

**[Appell — Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali SUN FRESH — Oppożizzjoni mill-proprietarju tat-trade mark Komunitarja verbali preċċidenti SUNNYFRESH — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tal-prodotti koperti mit-trade marks kunfliġġenti — Dritt għal smiġ — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikoli 8(1)(b), 75 u 76]**

(2015/C 320/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: The Sunrider Corporation (rappreżentanti: N. Dontas u K. Markakis, dikogoroi)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġġent), Nannerl GmbH & Co. KG (représentant: A. Thünken, avukat)

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *The Sunrider Corporation hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 212, 7.7.2014.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-15 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad -Varna – il-Bulgarija) – “Koela-N” EOCD vs Direktor na Direktsia “Obzhavane i danachno-osiguritelna praktika” Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

(Kawża C-159/14) <sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Princípjū ta’ newtralitā fiskali — Tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa — Kunċett ta’ “kunsinna ta’ ogħġetti” — Kundizzjoni għall-eżistenza ta’ kunsinna ta’ ogħġetti — Trasferiment ta’ ogħġetti mit-trasportatur direttament mill-fornitur lil persuna terza — Assenza ta’ prova ta’ pussess effettiv tal-ogħġetti mill-fornitur dirett — Assenza ta’ kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-awtoritatiet fiskali — Assenza ta’ trasbord tal-merkanzija — Provi li jiġġustifikaw suspect ta’ frodi fiskali)

(2015/C 320/09)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

## Qorti tar-rinviju

Administrativen sad – Varna

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “Koela-N” EOCD

Konvenut: Direktor na Direktsia “Obzhavane i danachno-osiguritelna praktika” Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-amministrazzjoni fiskali ta’ Stat Membru tqis li kunsinna ta’ ogħġetti ma twettqitx, bil-konsegwenza li tiġi ostakolata l-possibbiltà ta’ tnaqqis mill-akkwarent tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa waqt dan l-akkwist minħabba li l-imsemmi akkwarent ma rċeviex il-merkanzija li huwa xtara iżda bagħtha direttament lil persuna terza, lil lema persuna huwa biegħ mill-ġdid il-merkanzija, jew minħabba li l-fornitur dirett ta’ dan l-akkwarent ma rċeviex il-merkanzija li huwa xtara iżda bagħtha direttament lill-imsemmi akkwarent.